MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1359/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH HERSEY**

**KONTRA**

**ABU SO ta' 25 sena, imwieled nhar l-01.01.1984, iben Mamu u Fama, maghruf bin-numru tal-pulizija 08M-001;**

**Il-Qorti ;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Abu So li gie akkuzat talli fl-4 ta' Mejju, 2009 harab minn post ta' kustodja pubblika, cioe' Safi Detention Centre, bi ksur ta' l-Artikoli 151 u 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jinstema’ bi procedura sommarja, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputat fl-istadju tal-prezentata, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 151 u 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta, qieghda ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------